# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LIV**
**Illum il-Hamis, 31 ta' Mejju, 2001**

**Appell Nru 257/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Robert Bonnett**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Robert Bonnett talli fit-18 ta' Jannar 2000 ghall-habta tas-6.45 a.m. kellu fil-pussess tieghu jew kontroll arma tan-nar (senter tal-marka Pedretti S.N. 088209) u munizzjon waqt li kien fis-Salina riserva naturali; l-ewwel qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tal-kacca ghal mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-13 ta' Novembru, 2000, li peremzz taghha dik il-qorti sabet lil Robert Bonnett hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' tlett mitt lira (Lm300), u orndat il-konfiska tal-arma tan-nar Pedretti S.N. 099209 [**recte:** 088209];

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Robert Bonnett, minnu ppresentat fil-21 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda l-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lill-paragrafu (c) tar-regolament 21(1) tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg (A.L. 146/93).

Il-fatti tista' tghid ma humiex kontestati. Mid-deposizzjonijiet ta' P.S. 1453 Brian Scicluna, ta' P.C. 305 Alfred Gauci u ta' l-istess appellant (meta dawn xehedu quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2001), jirrisulta li fil-hin u fil-gurnata indikati fl-imputazzjoni l-appellant kien fir-Riserva Naturali tas-Salina. Huwa mar hemhekk bil-vettura tieghu, u ghal xi hin din il-vettura kienet stazzjonarja ossia wieqfa, u bil-magna mitfija. Fil-vettura huwa kellu

senter tal-kacca (mhux ikkargat u li kien fil-ghata tieghu), kif ukoll xi skratacc tal-kacca. Kif il-pulizija bdew joqorbu lejh, huwa xeghel il-magna u beda jsuq b'lura biex ikun jista' jdur u johrog mit-trejqa li kien dahal fiha. Din it-trejqa li fija kienet wieqfa l-vettura ta' l-appellant hi trejqa li ma tinfidx u hija intiza bhala access ghall-*boathouses* li hemm fil-post. L-appellant jikkontendi li hu kien mar hemmhekk biex jitma l-papri (u xi klieb li gieli jkun hemm), u ma kienx qieghed hemm ghall-kacca.

Id-disposizzjoni relattiva, cioe` ir-regolament 21(1)(c) tal-A.L. 146/93 jghid hekk:

"…ebda persuna…ma tista' jkollha fil-pussess jew taht il-kontroll taghha, xi arma tan-nar, munizzjon, *decoys*, xbieki jew xi mezz iehor biex tikkaccja jew tiehu ghasafar jew il-fenek selvagg f'riserva naturali: Izda dan ma japplikax ghall-kaccatur jew nassab li, waqt li jkun f'vettura miexja, ikun qed igorr arma tan-nar mhux ikkargata u minghajr skratacc fil-*magazine*, u fil-ghata taghha, jew xbieki ghall-insib waqt li jkun ghaddej mit-toroq princpali f'riserva naturali."

F'dan il-kaz certament il-proviso ma japplikax, ghax irrisulta bhala fatt li l-vettura li fiha instab is-senter kienet ghal xi hin wieqfa u mhux miexja; anqas jista' jinghad li l-appellant kien ghaddej (dejjem f'vettura miexja) minn "triq principali" f'riserva naturali – it-trejqa fejn kien jinsab kienet wahda sekondarja u mhux ta' passagg.

L-appellant, permezz ta' l-abbili difensur tieghu Dott. Edward Gatt, qed jikkontendi, pero`, li l-kliem "…jew xi mezz iehor biex tikkaccja…" fid-disposizzjoni in kwistjoni ghandu jfisser mhux li jkollok apparat li bih tista' tikkaccja, izda ghandu jfisser (biex tkun applikabbli din id-disposizzjoni) li min effettivament jinqabad b'xi wiehed mill-oggetti msemmija (arma tan-nar, munizzjon, xbieki ecc.) f'riserva naturali irid ikun fil-fatt qed jikkaccja, cioe` qieghed propju hemm ghall-kacca. Ghalkemm dan huwa argument ingenjuz, il-kliem tad-disposizzjoni in kwistjoni ma jaghtux lok ghall-interpretazzjoni – interpretazzjoni imgebbda – li qed jipprova jaghti l-appellant. Il-lokuzzjoni adoperata fir-regolament 21(1)(c) tfisser – u fil-fehma tal-Qorti tista' tfisser biss – li, hlief kif provvdut fil-proviso, hadd ma jista' jkollu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu f'riserva naturali arma tan-nar, munizzjon, *decoys*, xbieki jew xi mezz iehor li bih wiehed jista' jikkaccja jew jiehu ghasafar. Fi kliem iehor, ghall-finijiet ta' l-imsemmi paragrafu (c) ma hux mehtieg li jigi ppruvat li min kien fir-riserva naturali u kellu arma tan-nar (jew xi wiehed mill-oggetti l-ohra) fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu kien qieghed hemm propju ghall-kacca jew ghat-tehid ta' ghasafar. Seta' kien qieghed hemm, kif jikkontendi l-appellant li kien, biex jitma l-papri, jew biex jammira l-flora jew il-fauna tal-post. Kieku l-interpretazzjoni ta' l-appellant kienet korretta, parti mid-disposizzjoni tal-paragrafu (a) tal-imsemmi regolament kienet tkun superfluwa. Ghalhekk l-ewwel qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u fit-termini tar-regolament 21(1)(c) tal-A.L. 146 ta' l-1993.

L-appellant sussidjarjament jilmenta mill-piena inflitta. Din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz hemm lok ta' temperament f'dik li hi l-piena pekunjarja.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u torrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' tlett mitt lira u minflok tikkundannah multa ta' mija w sittin lira (Lm160), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli fi tnejn u tletin (32) gurnata prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Ghall-kull buon fini il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur u tal-Kummissarju tal-Pulizija ghas-segwenti konfuzjoni li tohrog mill-atti. Fil-waqt li l-imputazzjoni tirreferi ghal senter tal-marka **Pedretti SN 088209**, il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Mejju, 2000 (fol. 3 ta' l-atti) jirreferi ghal senter **Franchi SN 73774**, filwaqt li n-numru **088202** jirreferi ghal xi haga ohra li hija indecifrabbli. Meta xehed P.S. 1453 Brian Scicluna fl-istadju ta' appell (18 ta' Jannar, 2001) huwa semma senter tal-marka **Pedretti bin-numru 088209**. Fis-sentenza ta' l-ewwel qorti, riportata a fol 6 sa 8 ta' l-atti, fil-parti fejn hemm suppost riprodotta l-imputazzjoni jissemma senter **Franchi SN D73474**; mentri fil-parti dispositiva tas-sentenza l-ewwel qorti ordnat il-konfska "tal-arma tan-nar **Pedretti S. N 099209**" (li din il-Qorti tifhem li hi referenza ghan-numru 088209). Peress li f'dana l-appell ma kien hemm ebda aggravju specifikatament dwar il-konfiska ta' oggett partikolari, din il-Qorti ma tarax li tista' tipprovdi b'xi mod dwar din il-konfuzjoni. Komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur